KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 14 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 18 ta' Ottubru 2012 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.32 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.32p.m. | 9.50p.m. |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.25p.m. | 9.50p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | 8.45p.m | 9.50p.m. |
| Kunsillier Abraham Bezzina | 7.15p.m. | 9.50p.m. |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | Skużata | |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.15p.m | 9.50p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | Skużata (xogħol) | |
| Kunsillier James Cassar | 7.50p.m. | 9.50p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.20p.m. | 9.50p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 7.28p.m. | 9.50p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | Skużata (Imsiefra) | |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 13- tas-27 ta' Settembru 2012**

Il-minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati b'din il-korrezzjoni:

1.01 F'item 4.03 fit-tieni paragrafu inbidlu il-kliem **"Transport Malta"** bil-kliem **"MRRA"**.

**2.00 Sospensjoni tal-Laqgha.**

2.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex residenti fiż-żona taż-Żokrija li kienu preżenti mal-pubbliku jkunu jistgħu jitkellmu dwar il-problemi li kienu qed jiffaċċjaw ta' kuljum minħabba traffiku u inkonvenjenti oħra li kienu ġew ikkrejati bl-Iskola Sekondarja Maria Regina.

Wara li tkelmu xi residenti li spjegaw kif huma kienu qed iħossuhom ostaġġi f'darhom, is-Sindku infurmat lil dawn ir-residenti li kien ippjanat li ssir laqgħa ma dawk kollha konċernati, fosthom il-KMS, TM, Skola, u Kunsill. F'din il-laqgħa kienu ser jiġu diskussi l-problemi fl-immaniġġjar tat-traffiku u parkeġġ ta' vetturi.

Tkellem ukoll resident ieħor dwar il-problema ta' skart fil-parti ta' fuq ta' Triq E.B.Vella. Huwa llmenta li s-sid ta' ħanut tat- *'take-away'* li hemm f'dawk l-inħawi kien qed joħroġ l-iskart tard bil-lejl. Dan minbarra storbju u inkonvenjenti oħra. Ġie deċiż li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jibgħat għas-sid tal-ħanut u jkellmu dwar dan. Jekk jkun hemm bżonn isir rapport lil-pulizija wkoll.

Wara din is-sospensjoni l-laqgħa kompliet bl-agenda.

**3.0 Punti Imqajjma mill-Minuti**

3.01 Dwar item 3.00 – Is-Sindku infurmat li l-laqgħa mall-Kunsilliera Kirby Fenech ġiet ikkanċellata minħabba impenji ta' funeral li s-Sindku kellha fil-ħin miftiehem. Il-laqgħa għandha ssir darb oħra.

3.02 Dwar Materji Finanzjarji l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li fil-lista tal-pagamenti kien hemm pagament ta' ELLS (dwar patching) li kien duplikat. Dan l-iżball issa kien ġie irranġat bill intbagħtet ittra lis-Sur Giovann Fenech ta' ELLS fejn ġie spjegat bid-dettal li l-pagament doppju issa ġie transferit fuq xogħol ta' patching ieħor f'toroq diversi u li l-pagament kien pendent. Il-Kunsill approva unanimament dan l-aġġustament fil-lista tal-pagamenti.

3.03 Dwar item 4.03 – Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mal-(MRRA) u dan kien approva li Ġnien Reggie Cilia jiġi ddisinjat mill-ġdid. Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera kollha sabiex jagħmlu s-suġġerimenti tagħhom għal din l-ewwel fażi tal-proġett. Hija qalet li s-*survey* taż-żona tal-ġnien kien ser isir din il-ġimgha stess. Dan il-proġett kien ser ikun ta benefiċċju għal-Mostin.

3.04 Dwar item 5.0 – Premju tal-President . Is-Sindku nfurmat li hija flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv kienet attendiet għaċ-ċerimonja taċ-ċertifikati u l-għotja ta' €5,000. Dan il-proġett kien ser isir fil-Ġnien tal-Blata l-Għolja. Sadanittant kienet inħarġet sejħa għal *Expression of Interest* sabiex jiġi *embellished* dan il-ġnien bl-użu ta' fondi mill- *UIF tal MEPA*. Ser jintużaw ukoll xi fondi tal-Kunsill sabiex isir dawl ġdid, ħitan, etc. L-iskop tal-programm tal-Premju tal-President hu li żagħżagħ jokkupaw ruħhom fi proġetti utli minflok jirrikorru għal-vandaliżmu.

3.05 Dwar Miżuri 313 u 323 – It-tenders issa kienu ġew iffirmati. Il-kumpanija Vaults kienu bdew fuq it-tiswija tal-pont tal-Isperanza. Xogħol min kuntratturi oħra kien ser jibda wkoll fi żmien qasir.

## 4.0 Materji Finanzjarji

4.01 Ġew ippreżentati u approvati unanimament il-pagamenti kollha kif ippreżentati fil- listi ta' pagamenti minbarra dawk il-pagamenti ta' Med Design. Is-Sindku qalet li xi invoices tal-Med Design, bħal dik ta' Triq Feniċi, għandhom bżonn ta' spjegazjoni. Għandha ssir laqgħa mal-Perit Charles Buhagiar sabiex jiġu diskussi dawn il-kontijiet.

4.02 Dwar pagamenti għal patching ta' toroq, is-Sindku ikkummentat li għalkemm dan ix-xogħol ma huwiex soluzzjoni għal ħsarat kbar li fihom it-toroq tal-Mosta, dan kien qed isir fuq bażi kontinwa. Sfortunatament patching li sar f'Jannar kien diġa qed jitlaq minħabba x-xita. Issa kien jidher li l-Gvern Ċentrali kien qed jikkonsidra pożittivament l-għajnuna għal resurfacing ta' toroq kf kien imwiegħed.

4.03 Ġie approvat unanimament xogħol ta' major patching fi Triq Patri Ġuże Delia f'taż-Żokrija. Partijiet min din it-triq kienu qed jisfrondaw.

4.04 Ġew approvati unanimament ordnijiet ta' xogħol, u introjtu ta' finanzi. Listi annessi.

4.05 Fuq talba tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv sar qbil li ssir applikazzjoni lill-Bank of Valletta sabiex tkun tista tintuża l-facilita tal-internet banking sabiex staff awtorizzat jkun jista jara bilanċi u transazjonijiet bankarji għal-skop ta' *accounting*. Dan għandu jsir biss fuq bażi ta '*see only*' u ma jistgħux isiru transazzjonijiet bankarji minn fuq l-internet.

4.06 Ġew ippreżentati wkoll il-*Financial Statement u l-Quarterly Returns* għal Gunju, 2012 kif ippreparati mill-*accountant* tal-Kunsill is-Sur Michael Debono ta' D Consulta.

## 5.00 Korrispondenza

5.01 Ġiet ippreżentata lista ta' 4 items ta' korrispondenza għal-konsiderazjoni tal-Kunsill kif jidher fil-lista annessa. Id-deċiżjonijiet ukoll jinstabu fil-lista annessa.

5.02. F'dan l-istadju intalab u ġie approvat li ssir sospensjoni tar-regolamenti sabiex is-Sur Louis Chetcuti jkun jista jispjega l-proposta tiegħu għal xogħol manwali min studenti tal-Kulleġġ Maria Regina kif ikkomunikata f-ittra mill-Prefett tad-Dixxiplina ta' dan il-kulleġġ u li s-Sindku ippreżentat f'din il-laqgħa bħal parti mill-korrispondenza.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-Sur Chetcuti bil-kundizzjoni li student li jiġu magħżula sabiex jagħmlu xogħol żgħir ta' manutenzjoni jkunu dejjem taħt il-ħarsien u r-responsabilita tal-għalliem tagħhom. Sar qbil li jsir proġett pilota għal-semestru, darba fil-ġimgħa. Il-Kunsill qabel li jipprovdi l-materjal meħtieg għal dan l-iskop. Għandhom isiru aktar laqgħat sabiex jiġu diskussi d-dettalji ta' din il-proposta.

## 6.0 Deċiżjoni Dwar Tenders.

### 6.01 Tender No KLM5/12 – The Engagement of a Contracts Manager for the Maintenance and Upkeep of Roads in Mosta.

Is-Sindku spjegat ir-raġunijiet għaliex il-Kumitat tal-Aġġudikazjoni tat-Tenders kien wasal għad-deċiżjoni li dan it-tender jingħata lill-Perit Daniel Cordina. Dan il-parir ma kienx unanimu min naħa tal-Kumitat iżda b'deċiżjoni tal-maġġoranza (ara rapport anness).

Meta s-Sindku ressqet il-proposta li l-Kunsill jimxi fuq ir-rakomandazzjoni tal-Kumitat , ġie approvat unanimament mill-Kunsilliera preżenti li t-tender jingħata lill-Perit Daniel Cordina.

### 6.02 Tender No KLM6/12 – Supply, Installation, Testing and Commissioning of an Additional Photovoltaic System for the Mosta Civic Centre.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan it-tender jingħata lid-ditta Bajjada New Energy kif irrakkomandat fir-rapport tal-Kumitat tal-Aġġudikazjoni tat-Tenders (Kopja annessa).

### 6.03 Tender No KLM7/12 – Tender for the Construction of Footpaths & Culverts & Various Other Works.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan it-tender jingħata lill-kuntrattur Adam Bugeja kif irrakkomandat fir-rapport tal-Kumitat tal-Aġġudikazjoni tat-Tenders (Kopja annessa).

### 6.04 Tender No KLM8/12 – Tender for Printing of Council Magazine.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan it-tender jingħata lil Union Print kif irrakkomandat fir-rapport tal-Kumitat tal-Aġġudikazjoni tat-Tenders (Kopja annessa).

L'Aġent Segretarju Eżekuttiv ġie inkarigat jibgħat l-*letters of acceptance* u jinforma lill-*bidders* kollha kif titlob il-liġi.

## 7.0 Ftehim - 5 A Side Ta' Lgħajba Ground

Meta ġiet ippreżentata l-aħħar kopja tad-*draft* tal-ftehim, dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Sar suġġeriment u ġie approvat li l-avukat tal-Kunsill jinkludi klawsola fis-sens li jekk ikun hemm xi tibdil minn naħa tal-Gvern Ċentrali fl-arranġamenti li l-Kunsill għandu dwar dan il-*ground*, dan il-ftehim mal-Mosta Football Club jiġi terminat. *

* Joe Demartino għal darb'oħra ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li b'dan il-ftehim u responsabbilta finanzjarja fit-tmexxija ta' dan il-ground ser fil-fatt tgħaddi kollha kemm hi f'idejn il-Mosta F.C. u li l-Kunsill ma jkun bl-ebda mod responsabbli għal xi nuqqasijiet li jistgħu isiru l-quddiem.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv intalab jinforma lill- Mosta Football Club li l-Kunsill kien lest jiffirma dan ftehim iżda qabel kien meħtieg li huma jippreżentaw kopja tal-accounts .

**8.0 Progett Wied Speranza – Project Management u Estensjoni tal-Progett.**

Ġie deċiż li tintalab l-approvazjoni mill-awtoritajiet konċernati sabiex jinħatar *Project Manager* u jiġi estiż dan il-proġett sabiex il-fondi allokati jintużaw kollha.

**9.0 Construction of Footpaths – Triq il-Pont.**

9.01 Ġie approvat unanimament li jinbeda programm ta' manutenzjoni u kostruzjoni ta' bankini fid-diversi żoni tal-Mosta fosthom tiġi mibdula l-bankina li hemm fi Triq il-Pont min Triq il-Kbira sa Triq Baskal Buhagiar fuq in-naħa tas Saveway Discount Store.

9.02 Ġie approvat unanimament ukoll li jsir l-Isqaq Xorxa bil-pavimentar.

**10.00 Affarijiet Oħra.**

10.01 Il-Kunsillier Alex Muscat talab sabiex TM tintalab tagħmel arrangamenti biex jkun hemm rotta diretta għal Health Clinic ta' B'Kara għal waqt dan iż-żmien meta qed isir xogħol strutturali fil-Health Clinic tal-Mosta. Dan biex jitnaqqas kemm jista jkun l-inkonvenjent tal-pazjenti Mostin. Huwa talab li ta lanqas il-*bus* No 31 iddur mar-*roundabout* tal-*bypass* ta' B'Kara u twaqqaf il-passiġġieri fuq in-naħa ta B'Kara u jiġi evitat li dawn ikollhom jaqsmu l-*bypass* tant traffikuża.

Huwa talab ukoll li jkun preżenti waqt laqgħat li kien hemm ħsieb li jsiru mar-residenti taż-Żokrija dwar l-iskola sekondarja Maria Regina fuq il-problema ta maniġġjar tat-traffiku u parkeġġ ta' vetturi.

10.02 Il-Kunsillier Brian Bezzina informa li l-qanpiena tat-*traffic lights* f'Independence Avenue ma kienux qed jaħdmu.

**11.00 Għeluq tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa spiċċat fid-9.50 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Dott. Shirley Farrugia<br>Sindku | John J. Camilleri<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv. |